# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 16/2019

Seduta tal-20 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Dennis Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Dennis Vella, detentur tal-karta tal-identita' Għawdxija bin-numru 13978(G) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn ix-xhur ta' wara l-1 ta' Ġunju, 2016, fir-raba magħruf bħala tal-Kus u drabi oħra magħruf bħala ta' Trajsu fl-inħawi tat-triq li tieħu għal Wasteserv, limiti tax-Xewkija, Għawdex:

1. Volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor billi fforma passaġġi u fetaħ bibien fir-raba u dan għad-dannu ta' Paul Hili.
2. Bla ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi, imma biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, bl-awtorita' tiegħu stess, fixkel lil Paul Hili fil-pussess ta' ħwejġu, kompletament jew parzjalment billi fforma passaġġi fuq l-istess raba.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar, 2019 li biha ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minnu lliberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn euro (€200) kif ukoll li fit-termini tal-Artikolu 377 (3) tal-Kodiċi Kriminali ordnatlu jagħlaq il-fetħa li huwa fforma fir-raba ta' Paul Hili fi żmien xahar taħt ammenda ta' għaxar Ewro kuljum għal kull ġurnata ta' ritard. Finalment, wara ordnat lill-appellant iħallas is-somma ta' ħames mija u seba' u tletin Ewro u sbatax –il ċenteżmu (€537.17) bħala spejjeż peritali li jridu jitħallsu fi żmien xahar fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2019 li bih talab li tkun annullata sentenza tal-Ewwel Qorti u tagħti dawk il-provvedimenti li jidilha xierqa; u subordinarjament tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat minn l-ewwel imputazzjoni tħassarha u tirrevokha fil-bqija billi tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas tvarja l-piena erogata;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata b'sitt gravami bl-ewwel tnejn ta' natura proceduralі li fihom qed jitlob li s-sentenza tkun dikjarata nulla filwaqt li l-ohrajn huma fil-mertu;

2. Fl-ewwel aggravju, l-appellant iressaq l-argument illi s-sentenza hija nulla stante illi x-xhieda ma nstemghux *viva voce* mill-ewwel Qorti kif jitlob l-artikolu 646 (1) tal-Kodici Kriminali. Ezaminati l-atti, jemergi illi l-ewwel Qorti kienet hatret perit legali sabiex " *jisma x-xhieda, jigbor id-dokumenti, jaghmel access fuq il-post u jirraporta lura lill-Qorti dwar l-akkuzi li l-imputat jinsab akkuzat bihom*". (ara verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2017 fol 9). Jirrizulta ukoll illi l-perit legali kien pprezenta r-relazzjoni tieghu (ara fol 21 *et seq.* tal-process). Bhala fatt, ghalhekk jirrizulta dak li qed jghid l-appellant, bhala jirrizulta ukoll illi ebda wahda mill-partijiet ma pprotestat ruhha ghal dan meta saret il-hatra tal-perit legali wisq anqas irrizervat il-posizzjoni taghha;

3. Din il-Qorti, izda gia kellha l-okkazzjoni tippronunzja ruhha fuq kwistjoni konsimili fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Mary Rose Vella et tal-24 ta' Mejju, 2019 (App Krim 507/2017). Dik il-parti dispositiva tas-sentenza qed tkun hawn riprodotta:

*Huwa minnu, kif josservaw l-appellanti, illi l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jipprovid illi bhala regola x-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u viva voce. Minnu ukoll illi l-artikolu 650 tal-istess Kodici jobbliga lill-Qorti lil tordna perizja fil-kazijiet kollha li fihom tkun tinhtieg hila jew sengha specjali ghall-ezami tal-persuna. Fil-kaz odjern ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' htiega*

*ta' hila jew sengha specjali tant li kien mahtur avukat biex jisma ix-xhieda u jigbor dokumenti dwar kwistjoni ta' nuqqas ta' hlas a' salarju, hlas ta' vaganzi pubblici u hwejjeg simili. Madandakollu, l-appellanti qatt ma oggezzjonaw ghall-din il-procedura anke jekk mhux daqstant sollecitata mill-ligi u ma jistghux issa, ghaliex il-kawza kienet deciza sfavorevolment, jillanjaw is-sentenza b'aggravju bhal dan;*

4. Bhalma ukoll gara f'dak il-kaz, l-imputat kien ippartecipa fil-kawza minghajr rizerva, ghamel il-kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u anke sottomissjonijiet bil-miktub qabel mal-kawza thalliet ghas-sentenza. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Magro u Alfred Magro' 522/2016 fis-7 t'April 2017, 2008, dan il-punt kien mistharreg u deciz bil-mod segwenti:

*Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, inter alia, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan il-Qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.*

*Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa' teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.*

*Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li lt-tielet proviso tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti, juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin.*

*Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' in genere, li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.*

*Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament. Anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.*

*Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-imputati appellanti qiegħed jiġi respint u l-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell fuq dawk l-aggravji li għadhom mhux deċiżi.'*

5. Din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm xi ripensament dwar il-hsieb taghha fic-cirkostanzi kif prezentati f'dan l-appell u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

6. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant ukoll jattakka l-validita' tas-sentenza appellata u dan ghaliex il-fatti kif indikati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma jirriflettux il-fatti proprji tal-kaz. Minn ezami tal-atti jemergi illi l-imputat kien inizjalment mixli li ghamel atti ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' kif ukoll ta' raggion fattasi bejn ix-xhur ta' wara l-ewwel ta' Jannar 2017 u l-4 ta' Marzu 2017. Fuq talba tal-kwerelant, il-Qorti kienet akkordat tibdil fil-komparixxa billi d-dati appena msemmija jkunu sostiwiti bil-kliem bejn ix-xhur ta' wara l-1 ta' Gunju, 2016. Issa, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rriproduciet il-kliem kif riportat fil-komparixxa originarjament u mhux kif korrett. Gara imbaghad illi fil-korp tas-sentenza hemm referenza ghall-akkadut tal-1 ta' Gunju 2016 u x-xhur ta' wara, b'mod ghalhekk li hemm divergenza bjen il-fatti u dak li rrizulta lill-Qorti;

7. Kwantu ghal dak li jaghmel minn sentenza valida fil-ligi, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jitlob is-segwenti: "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat". Meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tissodisfa il-vot tal-ligi li jghid li l-Qorti ghandha ssemmi il-**fatti** li

dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Dan il-punt kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-Pulizija vs Peter Abdilla 28.7.2010; Il-Pulizija vs Mariella Caruana 1.12.2010; Il-Pulizija vs John Tanti 24.1.2013 u l-Pulizija vs Carmelo Polidano 11.12.2013. Isegwi ghalhekk illi jokkorri li l-Qorti tkun preciza fir-riproduzzjoni tal-imputazzjoni u f'dan il-kaz id-data tal-imputazzjoni hija ghal-kollox skorretta u ma tistax tkun meqjusa bhala *lapsus calami* bil-konsegwenza illi wiehed ma jistghax isib terren komuni bejn dak li bih kien imputat l-appellant u dak li ghalih instab hati;

8. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju u stante illi s-sentenza hija karenti minn formalita' essenzjali ghal validita' taghha, qed tkun dikjarata nulla u bla effett;

9. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nulla parzjalment. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

10. Konsegwentement, stante li l-appellant kien liberat mill-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti ser tiddeciedi biss dwar it-tieni imputazzjoni, dik dwar ir-raggion fattasi;

11. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-kwerelant kien ghamel rapport lill-Pulizija Ezekuttiva u talab li jinbdew proceduri kriminali kontra l-imputat wara li bejn ix-xhur ta' wara l-ewwel ta' Gunju, 2016, bla jsieb li jisraq, izda biss biex jezercta dritt li jippretendi li kellu, bl-awtorita' tieghu stess, fixkel lil Paul Hili fil-pussess ta' hwejgu, kompletament jew parzjalment billi fforma passagg fuq l-istess raba. Mill-provi jemergi illi Paul Hili kien offra l-ghajnuna tieghu lill-imputat biex jaghmel xi kostruzzjoni fl-ghalqa tieghu billi ippermettielu li jwaqqa hajt tal-ghalqa u b'hekk seta jghaddi xi ingenji. Wara dan, l-imputat kien naqas milli jregga l-hajt lura ghal li kien u ghalhekk l-kwerelant rega' bena l-hajt izda dan rega twaqqa b'mod li thalliet fetha u minn hemm zviluppa passagg fl-ghalqa ta' Hili. Dan il-bini u hatt tal-hajt baqa` sejjer hekk sakemm Hili finalment ddecieda li jitlob lill-Pulizija tiehu passi kontra l-imputat;

12. L-imputat ecepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn dwar din l-imputazzjoni ghar-raguni li dan huwa reat istantaneju u mhux wiehed kontinwat anke jekk jista' jkollu effetti permanenti. Skond l-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali r-reat huwa preskritt bit-trapass ta' zmien sentejn la darba l-piena applikabbli hi dik ta' massimu ta' tlett xhur prigunerija.

Ikkonsidrat.

13. Il-kwistjoni dwar jekk dan ir-reat, kif ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huwiex wiehed istantaneju b'effetti permanenti jew inkella wiehed permanenti sakemm ikun rimoss l-fatt antiguridiku, ma ghandha tkun ta' ebda soljev lill-imputat. Dan ghaliex anke fil-kaz li r-

reat ikun meqjus bhala wiehed istantaneju b'effetti permanenti, xorta wahda ma jkunx hemm dak it-trapass taz-zmien sabiex l-azzjoni tkun preskritta kif ser jirrizulta aktar 'l isfel. Huwa minnu illi b'sentenzi ta' din il-Qorti, kien deciz sia li dan ir-reat huwa wiehed istantenju b'effetti permanenti (sa recentement **Il-Pulizija vs Christopher Coleiro** App Krim 61/2011 DS 22.11.12 u **Il-Pulizija vs Paul Cilia** App Krim 339/13 DS 7.10.15) kif ukoll li huwa ta' natura permanenti (ukoll recentement **Il-Pulizija vs Maria Rosaria Bartolo** App Krim 314/2007 EG 31.1.2018). Madankollu, fil-kaz hawn skrutinat, Paul Hili xehed illi l-passaġġ sar fis-sajf tas-sena 2016, madwar sena u nofs qabel Novembru 2017 (id-data li fiha ddepona bil-gurament) billi bil-permess tieghu ghamel fetha ta' 15-il pied fil-hajt tal-ghalqa. Meta lesta, talbu biex jghalqu u hekk ghamel izda kien dam xi ftit u meta ghamel hekk halla fetha ta' tlett piedi u kellu jghalaqha darbtejn sakemm regghet infethet u kellhom jinbdew dawn il-proceduri;

14. Ic-citazzjoni (kif korretta) inharget fit-3 ta' Frar, 2018 u ghalkemm ma hemm ebda riferta annessa mal-atti processwali, l-ewwel udjenza wara il-korrezzjoni saret fit-23 ta' Marzu, 2018 fejn deher l-imputat u ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar in-notifika. Il-Qorti ghandha neccessarjament tipprezumi, salv li tingieb prova mod iehor, li l-appellant kien ircieva c-citazzjoni ghal dik is-seduta. Dik l-udjenza kienet differita ghas-16 ta' Mejju, 2018 u l-imputat notifikat seduta stante. Fl-ewwel dehra quddiem il-perit legali, wara l-korrezzjoni tac-citazzjoni, sehhet fis-6 ta' Gunju 2018 u l-imputat ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Dan ifisser illi jekk fl-ghar ipotesi kellha tittiehed id-data tas-seduta quddiem il-perit legali u mhux dik quddiem l-ewwel Qorti wara l-hrug ta' citazzjoni kif korretta, il-perjodu ta' sentjen preskrizzjoni xorta wahda ma kiex ghadda. (*Nghid li dan il-passagg fie iffurmat fis-sajt 2016. IL-ftuh tal-hajt u l-gheluq tieghu minni dam sejjer ghal madwar 15-il gurnata tas-sajf 2016. Nghid li forsi kien Gunju/Lulju 2016*) (ara dep a fol 42;

15. Dan ir-reat huwa soggett ghall-piena ta' prigunerija minn xahar sa tlett xhur u ghalhekk f'kaz li kellu jitqies bhala reat istantaneju, huwa preskritt bit-trapass ta' sentejn skond l-artikolu 668(e) tal-Kodici Kriminali.
Li kellha din il-Qorti taccetta t-tezi tal-imputat u titratta dan ir-reat bhala wiehed istantaneju, xorta wahda ma jkunux ghaddew is-senten preskrizzjoni kif minnu pretiz. Ghalhek din l-eccezzjoni qed ikun respinta;

16. Huwa recepit fil-gurisprudenza illi l-elementi ta' dan ir-reat huma erba. Per ezemplari minn skorta ta' sentenzi issir referenza ghal dik moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 t'Awwissu 2005 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Professur Henry Frendo' fejn kien ritenut hekk:

*'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruħu rreat ta' ragion fattasi huma (1) att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor,*

*(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt,*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi f'dan is-sens, Il-Pulizija v. Mario Lungaro App. Krim. 15 ta' Novembru 1996, u s-sentenzi hemm ċitati).*

*Dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha.*

17. Minn eżami tal-provi akkolti dawn l-elementi jirrizultaw kollha. Malli l-appellant ma reġax tella' l-ħajt kollu kif kien qallu jagħmel Paul Hili, l-appellant kien jaġixxi b'oppożizzjoni ta' dak li kien talbu l-istess Paul Hili. Dan kien għamillu pjaċir sabiex ikun jista' jtella' l-kamra li xtaq itella' fir-raba' tiegħu (tal-appellant) u minn fuq baqa' ma għalaqx il-fetħa għal kollox li kien għamel u spicca biex ghalaqha Paul Hili ghall-darbtejn wara xulxin izda regghet infethet. L-att estern qiegħed hemm. Kontra dak li qalet id-difiża Paul Hili ta prova biżżejjed li hu kien qed igawdi r-raba' tiegħu għalkemm ommu kienet l-inkwilina. Il-provi ma jsirux bid-dokumenti biss. Jistgħu isiru b'dak li jgħidu x-xhieda diretti jekk jitwemmnu. U l-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx il-verżjoni li ta Paul Hili dwar kif kien ilu jaħdem l-għalqa minn meta miet missieru kif korroborat minn huh. U ma ħeba xejn dwar li l-inkwilina kienet ommu. B'hekk kien pruvat l-element tal-pussess godut mill-kwerelant;

18. L-appellant kellu l-kredenza li dan qed jagħmlu bi dritt. Dan jirriżulta saħansitra mill-affidavit tal-Pulizija iżda li 'qalulu biex jgħaddi minn hemm' jew li hekk qaltlu l-Awtorita' tal-ippjanar. Għalhekk jirriżulta ukoll t-tieni element.

19. It-tielet element – l-appellant għamel *di braccio aperto* dak li jmissu sar b'awtorita'. Jekk l-appellant ried li jeżerċita d-dritt li hu allegatament qed jikkontendi li għandu huwa jmissu adixxa l-Qorti Ċivili u mhux jibqa' jinsisti li għandu dritt ta' mogħdija billi jżomm il-fetħa fil-ħajt u jibqa' jgħaddi minnha.

20. Kwantu l-element ta' nuqqas ta' titolu da parti tal-imputat dan certament huwa l-kaz ghaliex mill-atti jemergi illi l-imputat qieghed jinsisti li jghaddi minn fuq l-ghalqa tal-kwerelant ghaliex qalulu li ghandu dritt jghaddi minn hemm u mghadux post iehor minn fejn

jgħaddi. Dak muhiex xi forma ta' titolu izda frankament loghob bil-kliem li jirrendi s-sitwazzjoni aktar gravi;

21. L-imputat ma kellu ebda pussess u l-fatti tal-każ 'Il-Pulizija vs Eileen Said' minnu citat m'għandhomx x'jaqsmu mal-każ ta' llum fejn l-imputat (appellant) kien biss tollerat li jagħmel xi ħaġa biex jilħaq l-iskop tiegħu u wara kellu jagħlaq il-ħajt kif kien qabel. Ma kellu ebda pussess jew detenzjoni tal-fetħa li żamm. Il-parti fejn inżammet il-fetħa taqa' b'mod l-aktar ċar, saħansitra kif juru r-ritratti, fil-propjeta' li kien jgawdi minnha Paul Hili. Il-fatti ta' dan il-każ huma differenti minn dawk ta' 'Il-Pulizija v Eileen Said' li fiha, wara kollox, il-Qorti ikkonfermat il-ħtija tal-appellanti għaliex kienet bidlet is-sellatura tal-bieb tad-dar u żewġha ma setax jidħol. Jekk dan huwa att pożittiv, xejn anqas huwa l-ftuħ li tħalla u l-mod kif tneħħew għal darba, darbtejn dak li kien poġġa Paul Hili fil-post biex il-kontinwita' tal-ħajt terġa' tkun integrata;

22. L-appellant jgħid li m'hemmx provi diretti li juru li kien hu li kien reġa' fetaħ dik il-parti li għalaq Paul Hili. Bid-dovut rispett, il-provi ċirkustanzjali huma univoċi. Kien l-appellant biss li kellu interess li jerġa' jkun hemm il-fetħa. Dan joħroġ, kif diġa' ntwera, mir-reazzjoni tiegħu meta l-Pulizija għarrfuh bir-rapport ta' Paul Hili kif ukoll mill-fatt li ħadd ma kellu interess ħlief hu li juża l-ftuħ ħalli jasal fir-raba' tiegħu. Fuq kollox Paul Hili ma kien ra lil ħadd għaddej minn dawk l-inħawi ħlief lilu.

23. Kwantu l-ilment tal-appellant rigward l-ispejjeż tal-perizja, l-Qorti rat is-sentenza li rrefera għaliha l-appellant 'Il-Pulizija vs Joseph Abdilla' - App Krim 28.1.2008. F'dik is-sentenza il-Qorti kienet kkonkludiet illi fit-termini tal-artikolu 533, ma setghetx l-ewwel Qorti tikkundanna lill-hati ghal-hlas tal-ispejjez peritali ghaliex dak il-kaz kien prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti. Il-kaz odjern izda, huwa ben divers u ma jibbenefikax minn din l-ezenzjoni. Dan ghaliex kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Vella – App Kriminali - 157/99**

**VDG - 24.2.2000** "Fil-kaz odjern ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni – ir-reat ta' *ragion fattasi* – hu ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, pero' ma hux reat li l-azzjoni fir-rigward tieghu tehtieg il-kwerela tal-parti leza. *R-reat ta'* ragion fattasi hu prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva u dan peress li ma huwiex meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' privata izda delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni stante li l-liberatorja dwarha tibqa' valida fis-sentenza dikjarata nulla minn din il-Qorti, qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, igifieri dik ta' raggion fattasi;

Wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali;

Taghzel illi ma tikkundannax lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija u minflok, fit-termini tal-proviso tal-artikolu 85 (1) tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €200. Inoltre fit-termini tal-artikoli 85 (2) u 377(3) tal-Kodici Kriminali tordna lil-imputat sabiex inehhi l-inkonvenjent u dan billi jerga` jaghlaq il-fetha fil-hajt *de quo* u dan fi zmien gimgha mil-lum fuq penali ta' ghaxar euro (€10) ghal kull jum ta' nuqqas;

Finalment tordna lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri riferibilment ghall-ispejjez tal-hatra tal-perit legali fl-ammont ta' €537.17 fi zmien xahrejn (2) mil-lum b'dan illi dan l-ammont ghandu jkun konvertit fi prigunerija f'kaz li jonqos milli jhallas fi zmien indikat.

Giovanni Grixti

Imħallef